



Kumitat għall-Iżvilupp

2018/0225(COD)

14.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018)0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Lola Sánchez Caldentey

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Orizzont Ewropa se jkun id-Disa' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni Ewropea u se jkun fis-seħħ bejn l-2021 u l-2027. Filwaqt li jibni fuq is-suċċessi tal-imgħoddi u jitgħallem mill-programmi preċedenti, Orizzont Ewropa għandu l-għan li jsaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-Unjoni, irawwem il-kompetittività tagħha u jagħmel lill-Ewropa xierqa biex tieħu rwol ewlieni biex tiffaċċa l-isfidi tas-seklu 21.

Orizzont Ewropa huwa ta' rilevanza kbira ħafna għall-Kumitat għall-Iżvilupp minħabba l-kontribut li jista' jagħti fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Qed tkun dejjem aktar rikonoxxuta l-importanza tar-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u dawk ekonomiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Huwa importanti li jiġi żgurat li Orizzont Ewropa jkun miftuħ għal atturi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw kemm f'termini ta' parteċipazzjoni fil-proġetti u fl-attivitajiet kif ukoll f'termini ta' aċċess għar-riżultati tal-proġetti. Il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-programm kurrenti Orizzont 2020 naqset meta mqabbla mal-programm qafas preċedenti u għandhom jiżdiedu dispożizzjonijiet speċifiċi f'Orizzont Ewropa sabiex tissaħħaħ id-dimensjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali tal-programm.

Huwa wkoll ta' importanza fundamentali li jiġi żgurat li l-prijoritajiet u l-impenji tal-UE rigward il-politika esterna u tal-iżvilupp jitqiesu, b'mod partikolari fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija.

L-emendi addizzjonali proposti jikkonċernaw il-ħtieġa li jitħeġġeġ l-involviment tas-soċjetà ċivili u li tissaħħaħ l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri tal-programm.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 173(3) u 182(4) tiegħu,

Emenda

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 173(3), 182(4) u **208(1)** tiegħu,

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Billi jirrifletti l-importanza li ***jindirizza t-tibdil*** fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm Speċifiku se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' **25%** tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-għanijiet klimatiċi. L-azzjonijiet skont ***dan*** il-Programm Speċifiku ***huma mistennija*** li jikkontribwixxu għal **35 %** tal-pakkett finanzjarju globali tal-Programm Speċifiku ***għall-għanijiet klimatiċi***. Se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u ***jiġu*** vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet rilevanti u l-proċessi ta' revizzjoni.

Emenda

(5) Billi ***jirrikonoxxi t-tibdil fil-klima bħala waħda mill-akbar sfidi globali u tas-soċjetà, u waħda mill-aktar importanti, u billi*** jirrifletti l-importanza li ***jiġi indirizzat it-tibdil*** fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm Speċifiku se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' **50 %** tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-għanijiet klimatiċi. L-azzjonijiet skont il-Programm Speċifiku ***jenħtieġ*** li jikkontribwixxu għal ***mill-inqas 50 %*** tal-pakkett finanzjarju globali tal-Programm Speċifiku ***għall-objettiv dwar il-klima, sabiex jiġu appoġġati azzjonijiet jew partijiet ta' azzjonijiet li jgħinu fit-twassil ta' ekonomija b'emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra (GHG) sa mhux aktar tard mill-2050***. Se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti ***ex ante u riflessi bis-sħiħ*** matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku ***fil-forma tal-Pjan Strateġiku u l-programmi ta' ħidma, u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet rilevanti u l-proċessi ta' revizzjoni, biex b'hekk jiġi żgurat li l-objettiv ta' investiment ta' mill-inqas 50 % tal-pakkett finanzjarju globali tal-Programm għar-riċerka u l-innovazzjonijiet relatati mal-klima jinkiseb b'mod effiċjenti u f'waqtu***.

Ġustifikazzjoni

Il-35 % tal-allokazzjoni maħsuba għan-nefqa għall-klima tal-pakkett baġitarju Orizzont, kif propost mill-Kummissjoni, jikkonferma biss l-istatus quo tal-programm attwali. Minħabba li t-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-akbar sfidi globali u tas-soċjetà, dan mhux se jkun biżżejjed. It-tranżizzjoni biex tintlaħaq ekonomija tal-emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra sa mhux aktar tard mill-2050 għandha bżonn tiġi aċċellerata u politika tal-RŻI ambizzjuża u mgħammra sew hija l-għodda l-aktar importanti sabiex jinkiseb dak.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Minħabba l-impatt negattiv sostanzjali tal-fjuwils fossili fit-trawwim tat-tibdil fil-klima, il-Programm Orizzont Ewropa jenħtieġ li jfittex li jelimina b'mod gradwali l-fjuwils fossili billi ma jipprovdi ebda appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet jew l-investimenti relatati mal-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni, il-ħżin jew il-kombustjoni tal-fjuwils fossili jew kwalunkwe attività oħra li hija ta' detriment għall-klima u tikkontradixxi l-impenn tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi.

Ġustifikazzjoni

Biex iż-żieda fil-medja tat-temperatura globali tinżamm ferm anqas minn 2°C, wieħed jistenna azzjoni aktar b'saħħitha, speċjalment f'kuntest fejn huwa ċert li l-politika tal-UE dwar l-enerġija se tintuża bħala mudell fin-negozjati internazzjonali, filwaqt li daww il-pajjiżi li kkontribwew l-anqas għaż-żieda tal-gassijiet b'effett ta' serra (bħall-gżejjer żgħar u l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati) se jintlaqtu l-aktar mit-tibdil fil-klima.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru mill-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali u fiżiċi tirrikjedi żieda fl-investimenti. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi b'żieda sostanzjali ta' nfiq fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru mill-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali u fiżiċi tirrikjedi żieda fl-investimenti. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi b'żieda sostanzjali ta' nfiq fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-

innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁶. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett tar-riċerka u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098>).

innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁶. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett tar-riċerka u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali **u tappoġġa l-implimentazzjoni tal-inizjattiva tal-Unjoni "Id-Diġitali għall-Iżvilupp" (D4D).**

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098>).

Ġustifikazzjoni

Il-premessa 2 tar-Regolament Orizzont tiddikjara li l-programm għandu jwettaq "tishiġ tal-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni". L-inizjattiva D4D, adottata permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2017, hija eżempju ċar.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Il-programm jenħtieġ li jipprovdi viżjoni komprensiva għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-prodotti biex jiżgura aktar koordinazzjoni u koerenza tal-programmi Ewropej mal-inizjattivi u l-aġendi tar-riċerka nazzjonali u internazzjonali, u biex jiżgura li l-prodotti promettenti jiġu appoġġati matul il-katina tal-iżvilupp kollha, speċjalment f'oqsma b'ebda interess mis-suq.

Ġustifikazzjoni

Biex jintlaħaq l-għan tiegħu li jindirizza l-isfidi globali, inklużi l-SDGs, Orizzont Ewropa għandu jipprovdi viżjoni ċara għall-iżvilupp tar-riċerka u tal-prodott (dan it-tieni aspett spiss jiġi injorat) u jiżgura l-konsistenza mal-isforzi nazzjonali, tal-UE u internazzjonali u l-koordinazzjoni tagħhom.

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9a) Il-programm ta' ħidma għal sejħa partikolari taħt il-pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" jista' jippermetti għotjiet għal validazzjoni ta' prodotti u replikazzjoni fis-suq fuq skala kbira, filwaqt li dan jiġi rikonoxxut bħala ta' importanza speċifika f'oqsma b'falliment tas-suq jew b'mard relatat mal-faqar u mard li ġie traskurat.

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li l-finanzjament ta' Orizzont Ewropa jiġi protett u jingħata prijorità għall-isfidi tas-soċjetà fejn spiss ikun hemm nuqqas ta' swieq kummerċjali profittabbli biex jixprunaw ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni. F'dawn l-oqsma, il-finanzjament pubbliku permezz tal-attività ta' R&Ż huwa essenzjali u jista' jintuża biex jiġi mobilizzat b'mod effikaċi l-investment tas-settur privat.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) tishiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali;

(d) tishiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali ***u promozzjoni tal-involviment ta' riċerkaturi mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u kontribuzzjoni għat-twettiq tal-impenji rilevanti tal-Unjoni,***

b'mod partikolari fil-paragrafi 49, 116, 120 u 121 tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, u fl-Artikoli 7(7) u 10(5) tal-Ftehim ta' Pariġi;

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) attrazzjoni, taħriġ u żamma tar-riċerkaturi u l-innovaturi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż permezz tal-mobbiltà tar-riċerkaturi;

Emenda

(e) attrazzjoni, taħriġ u żamma tar-riċerkaturi u l-innovaturi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż permezz tal-mobbiltà tar-riċerkaturi, ***filwaqt li jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jiġi appoġġat it-tkabbir gradwali tal-kompetenza fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) f'dawk il-pajjiżi, b'koordinazzjoni mal-istrument tal-iżvilupp tal-Unjoni;***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) trawwim tax-xjenza miftuħa u żgurar tal-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati;

Emenda

(f) trawwim tax-xjenza miftuħa u żgurar tal-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ ***għad-data u għar-riżultati tar-riċerka u għal aktar kondiviżjoni u użu ta' informazzjoni xjentifika, filwaqt li jiġiqiesu d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, fejn debitament ġustifikat;***

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni;

Emenda

(h) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni, ***inkluż il-kisba tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-SDGs, fl-Unjoni u globalment;***

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) rinforz tar-rabta bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u politiki oħrajn, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Emenda

(i) rinforz tar-rabta bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u politiki ***u sfidi globali*** oħrajn, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) involviment taċ-ċittadini u tal-utenti aħħarin fil-proċessi tal-kodisinn u tal-koħolqien;

Emenda

(k) involviment taċ-ċittadini, ***tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** u tal-utenti aħħarin ***fit-tfassil tal-aġenda tar-R&I, inkluż*** fil-proċessi tal-kodisinn u tal-koħolqien;

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) indirizzar tal-fallimenti tas-suq bħan-nuqqas ta' R&I relatat ma' ċertu sfidi globali u tas-soċjetà li jattiraw

interest limitat fis-settur privat, jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali;

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) titjib tal-komunikazzjoni tax-xjenza;

Emenda

(1) titjib tal-komunikazzjoni tax-xjenza ***permezz ta' pjattaformi open source.***

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(pa) assigurazzjoni li tal-inqas 50 % tal-finanzjament ta' Orizzont Ewropa jintefqu fuq innovazzjoni ta' riċerka relatata mal-klima u b'hekk jiġi żgurat li l-Programm Speċifiku jikkontribwixxi biex iżid l-oġettivi tal-klima u tal-enerġija nazzjonali u jżid il-miri fil-pjanijiet tal-enerġija u tal-klima nazzjonali (NECPs);

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-implimentazzjoni tal-għanijiet fil-livell tal-programm ta' Orizzont Ewropa f'mod integrat se tkun żgurata permezz tal-Ippjanar Strateġiku pluriennali. Tali ppjanar se jipprovdi l-fokus fuq l-impatt għall-Programm kumplessiv u koerenza bejn il-pilastri differenti tiegħu, kif ukoll

Emenda

L-implimentazzjoni tal-għanijiet fil-livell tal-programm ta' Orizzont Ewropa f'mod integrat se tkun żgurata permezz tal-Ippjanar Strateġiku pluriennali. Tali ppjanar se jipprovdi l-fokus fuq l-impatt għall-Programm kumplessiv u koerenza bejn il-pilastri differenti tiegħu, kif ukoll

sinerġija ma' programmi tal-UE oħrajn u appoġġ għal u minn politiki tal-UE oħrajn.

sinerġija ma' programmi tal-UE oħrajn u appoġġ għal u minn politiki tal-UE oħrajn. ***Il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku għandu jiżgura li Orizzont Ewropa jkun orjentat lejn il-kisba tal-SDGs u li l-SDGs individwali u l-miri tal-SDGs ikunu orjentati lejn l-għażliet ta' suġġetti u l-formulazzjoni tas-sejħiet għal proposti għar-raggruppamenti tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali".***

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

L-Ippjanar Strateġiku se jippromwovi involviment b'saħħtu maċ-ċittadini u ***l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** fl-istadji kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, il-koħolqien tal-għarfien, il-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ***inkluż*** l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi f'kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni, u se jiżgura u jippromwovi ***l-konformità*** mal-ogħla standards tal-etika u l-integrità.

Emenda

L-Ippjanar Strateġiku se jippromwovi involviment b'saħħtu maċ-ċittadini u ***s-soċjetà ċivili kemm fi ħdan il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku nnifsu kif ukoll*** fl-istadji ***l-oħrajn*** kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, ***inkluż it-tfassil tal-aġenda, b'mod partikolari li jiġu definiti l-prijoritajiet tar-riċerka tal-Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali". Sabiex dan jiġi ffaċilitat, għandu jiġi stabbilit djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili. Il-proċess għandu jippromwovi wkoll*** il-koħolqien tal-għarfien, il-promozzjoni effettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ***inkluża*** l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi f'kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni, u se jiżgura u jippromwovi ***r-Riċerka u l-Innovazzjoni Responsabbli u l-aderenza*** mal-ogħla standards tal-etika u l-integrità.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 5

L-Ippjanar Strateġiku se jgħinu fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politika għall-oqsma rilevanti koperti, fil-livell tal-UE, kif ukoll jikkumplimenta l-politika u l-approċċi ta' politika fl-Istati Membri. Il-prijoritajiet ta' politika tal-UE se jiġu kkunsidrati matul il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni għar-realizzazzjoni tal-politika. Se tikkunsidra wkoll l-attivitajiet, l-istudji u evidenza xjentifika oħra ta' prospettiva u tikkunsidra inizjattivi rilevanti eżistenti fil-livell tal-UE u nazzjonali.

L-Ippjanar Strateġiku se jgħinu fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politika għall-oqsma rilevanti koperti, fil-livell tal-UE, kif ukoll jikkumplimenta l-politika u l-approċċi ta' politika fl-Istati Membri. Il-prijoritajiet ta' politika tal-UE, ***inklużi l-SDGs***, se jiġu kkunsidrati matul il-proċess tal-Ippjanar Strateġiku sabiex tiżdied il-kontribuzzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni għar-realizzazzjoni tal-politika. Se tikkunsidra wkoll l-attivitajiet, l-istudji u evidenza xjentifika oħra ta' prospettiva u tikkunsidra inizjattivi rilevanti eżistenti fil-livell tal-UE u nazzjonali.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 8

Fl-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, se tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat approċċ bilanċjat u mifrux lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, li mhuwiex biss limitat għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda abbażi ta' għarfien xjentifiku u teknoloġiku u innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, iżda li jinkorpora wkoll l-użu ta' teknoloġiji eżistenti f'applikazzjonijiet ġodda u t-titjib kontinwu u l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali. Approċċ sistemiku, transdixxiplinarju, transsettorjali u transpolitiku lejn l-innovazzjoni tar-riċerka se jiżgura li l-isfidi jkunu jistgħu jiġu indirizzati filwaqt li jinħolqu negozji u industriji kompetittivi ġodda, li jrawmu l-kompetizzjoni, jistimulaw l-investimenti privati u jippriżervaw il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.

Fl-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, se tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat approċċ bilanċjat u mifrux lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, li mhuwiex biss limitat għall-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda abbażi ta' għarfien xjentifiku u teknoloġiku u innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, iżda li jinkorpora wkoll l-użu ta' teknoloġiji eżistenti f'applikazzjonijiet ġodda u t-titjib kontinwu u l-innovazzjoni mhux teknoloġika u soċjali. Approċċ sistemiku, transdixxiplinarju, transsettorjali u transpolitiku lejn l-innovazzjoni tar-riċerka se jiżgura li l-isfidi jkunu jistgħu jiġu indirizzati filwaqt li jinħolqu negozji u industriji kompetittivi ġodda, li jrawmu l-kompetizzjoni, jistimulaw l-investimenti privati u jippriżervaw il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern. ***F'konformità mal-impenji tal-Unjoni għat-tnaqqis u l-qerda tal-faqar, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-innovazzjoni għall-benefiċċju tal-iżvilupp internazzjonali u***

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 18

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, b'mod sistematiku, se tidentifika u tirreġistra r-riżultati tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni li jsiru skont il-Programm u tittrasferixxi jew tiddissemina dawn ir-riżultati u l-għarfien prodotti b'mod mhux diskriminatorju lill-industrija u l-intrapriżi ta' kull daqs, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, ***l-akkademija***, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika, sabiex jiġi massimizzat il-valur miżjud Ewropew tal-Programm.

Emenda

Il-Kummissjoni, b'mod sistematiku, se tidentifika u tirreġistra r-riżultati tal-attivitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni li jsiru skont il-Programm u tittrasferixxi jew tiddissemina dawn ir-riżultati u l-għarfien prodotti b'mod mhux diskriminatorju lill-industrija u l-intrapriżi ta' kull daqs, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, ***l-akkademja***, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u dawk li jfasslu l-politika ***fi ħdan l-Unjoni u barra minnha***, sabiex jiġi massimizzat il-valur miżjud Ewropew tal-Programm ***u d-dedikazzjoni tiegħu lejn l-SDGs. Għal dan il-għan, il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi, ir-riżultati u d-data ta' sfond għandhom ikunu ffukati fuq l-aċċess miftuħ.***

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 19

Test propost mill-Kummissjoni

Se jinkiseb impatt akbar permezz tal-allinjament tal-azzjonijiet ma' nazzjonijiet u reġjuni oħrajn tad-dinja fi ħdan sforz ta' kooperazzjoni internazzjonali fuq livell bla preċedent. Abbażi ta' benefiċċju reċiproku, is-sħab minn madwar id-dinja se jiġu mistiedna jissieħbu mal-isforzi tal-UE bħala parti integrali tal-inizjattivi sabiex tiġi appoġġata l-azzjoni tal-UE għas-sostenibbiltà, l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni rinfurzata, u l-kompetittività.

Emenda

Se jinkiseb impatt akbar permezz tal-allinjament tal-azzjonijiet ma' nazzjonijiet u reġjuni oħrajn tad-dinja, ***speċjalment pajjiżi bi dħul baxx u medju***, fi ħdan sforz ta' kooperazzjoni internazzjonali fuq livell bla preċedent, ***biex jiġi żviluppat futur kondiviż imsejjes fuq l-iżvilupp sostenibbli li jlaqqa' flimkien il-kapaċità tal-għarfien u l-infrastruttura b'appoġġ għall-azzjonijiet fuq iż-żewġ naħat.*** Abbażi ta' benefiċċju reċiproku, is-sħab minn madwar id-dinja, ***inklużi sħab tar-riċerka u l-***

*edukazzjoni, l-industrija, il-gvernijiet u l-NGOs se jiġu mistiedna jissieħbu mal-isforzi tal-UE bħala parti integrali tal-inizjattivi sabiex tiġi appoġġata l-azzjoni tal-UE **għall-gerda tal-faqar**, għas-sostenibbiltà, l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni rinfurzata, u l-kompetittività. **It-trasferiment internazzjonali tal-għarfien, tal-kapaċità u tal-infrastruttura bejn is-sħab se jmexxi approċċi u regolamentazzjoni kondiviżi li se jġibu magħhom kummerċ sinerġetiku għal kulħadd.***

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni Anness I – paragrafu 20

Test propost mill-Kummissjoni

Azzjoni konġunta internazzjonali se tiżgura **indirizzar** effettiv ta' sfidi globali tas-soċjetà u **l-Għanijiet** ta' Żvilupp Sostenibbli, **l-aċċess għall-aqwa** talenti **tad-dinja**, l-għarfien espert u r-riżorsi, **u provvista** u **domanda mtejbin tas-soluzzjonijiet innovattivi**.

Emenda

Azzjoni konġunta internazzjonali, **b'enfasi partikolari fuq l-indirizzar tal-fallimenti tas-suq**, se tiżgura, **kif definit fil-punt (1a) tal-Artikolu 2 tar-[Regolament li jistabbilixxi Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni]**, **l-indirizzar** effettiv ta' sfidi globali tas-soċjetà u **l-oqsma traskurati tar-riċerka, u l-ksib tal-Għanijiet** ta' Żvilupp Sostenibbli. **Minħabba n-natura globali ta' dawn l-isfidi u r-relazzjoni mill-qrib tagħhom ma' pajjiżi bi dħul baxx u medju, l-isforz għandu jimmira lejn kooperazzjoni strateġika bejn l-aqwa** talenti, għarfien espert u riżorsi **tad-dinja, filwaqt li ssir ħidma f'konformità mal-politiki tal-iżvilupp, sabiex jiġi evitat "eżodu ta' mħuħ" minn pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali se jiġu mfassla fuq għanijiet komuni li jirrikjedu**

kollaborazzjoni internazzjonali.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 1 – introduzzjoni XJENZA MIFTUĦA – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fl-istess waqt, ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi globali. Dan huwa rikonoxxut b'mod partikolari fil-Ftehim ta' Pariġi, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Aġenda 2030 tan-NU. L-UE se tonora l-impenji li għamlet f'dawn il-kuntesti biex tikkoopera fir-riċerka rilevanti mal-SDGs u biex tappoġġa l-innovazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – punt 1 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-miżuri taħt dan il-pilastru li jippromwovu l-mobbiltà tar-riċerkaturi għandhom jiġu applikati b'kunsiderazzjoni, sabiex ma jikkontribwixxux għal eżodu ta' mħuħ mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Se jkun appoġġat it-tkabbir gradwali tal-kompetenza fir-riċerka f'dawn il-pajjiżi, f'koordinazzjoni mal-istrument użat għall-implimentazzjoni tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 1 – punt 2 – subpunt 2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' kapital uman b'ħiliet għoljin u reżiljenti fir-riċerka u l-innovazzjoni li tista' tadatta faċilment għal u ssib soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi futuri, bħall-bidliet demografiċi maġġuri fl-Ewropa. Sabiex tiġi żgurata l-eċċellenza, ir-riċerkaturi jeħtieġ li jkunu mobbli, jikkollaboraw u jiddisseminaw l-għarfien fil-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini kollha, bil-kumbinazzjoni t-tajba ta' għarfien u ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u tiġi appoġġata l-innovazzjoni.

Emenda

L-Ewropa għandha bżonn bażi ta' kapital uman b'ħiliet għoljin u reżiljenti fir-riċerka u l-innovazzjoni li tista' tadatta faċilment għal u ssib soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi futuri, bħall-bidliet demografiċi maġġuri fl-Ewropa **u fid-dinja**. Sabiex tiġi żgurata l-eċċellenza, ir-riċerkaturi jeħtieġ li jkunu mobbli, jikkollaboraw u jiddisseminaw l-għarfien fil-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini kollha, bil-kumbinazzjoni t-tajba ta' għarfien u ħiliet sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà u tiġi appoġġata l-innovazzjoni.

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 1 – punt 2 – subpunt 2.2.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-UE trid tibqa' referenza għar-riċerka eċċellenti u għaldaqstant attraenti għall-aktar riċerkaturi promettenti, kemm Ewropej kif ukoll dawk mhux Ewropej, fl-istadji kollha tal-karrieri tagħhom. Dan jista' jinkiseb billi r-riċerkaturi u l-persunal li għandu x'jaqsam mar-riċerka jitħallew jiċċaqilqu u jikkollaboraw bejn il-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini u għalhekk jibbenefikaw minn taħriġ ta' kwalità għolja u opportunitajiet għall-karriera. Dan se jiffaċilita ċ-ċaqliq fil-karriera bejn is-settur akkademiku u mhux akkademiku, kif ukoll jistimola l-attività imprenditorjali.

Emenda

L-UE trid tibqa' referenza għar-riċerka eċċellenti u għaldaqstant attraenti għall-aktar riċerkaturi promettenti, kemm Ewropej kif ukoll dawk mhux Ewropej, **inklużi minn pajjiżi bi dħul baxx u medju**, fl-istadji kollha tal-karrieri tagħhom. Dan jista' jinkiseb billi r-riċerkaturi u l-persunal li għandu x'jaqsam mar-riċerka jitħallew jiċċaqilqu u jikkollaboraw bejn il-pajjiżi, is-setturi u d-dixxiplini u għalhekk jibbenefikaw minn taħriġ ta' kwalità għolja u opportunitajiet għall-karriera. Dan se jiffaċilita ċ-ċaqliq fil-karriera bejn is-settur akkademiku u mhux akkademiku, kif ukoll jistimola l-attività imprenditorjali.

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 1 – punt 2 – subpunt 2.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Kooperazzjoni, produzzjoni u diffużjoni tal-għarfien fi ħdan l-UE u ma' pajjiżi terzi.

Emenda

Kooperazzjoni, produzzjoni u diffużjoni tal-għarfien fi ħdan l-UE u ma' pajjiżi terzi, ***inklużi pajjiżi bi dħul baxx u medju.***

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ħafna mill-isfidi li taffaċċa l-UE huma wkoll sfidi globali. L-iskala u l-kumplessità tal-problemi huma vasti, u jeħtieġ li jiġu indirizzati bi flus, riżorsi u sforzi xierqa sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet. Dawn huma preċiżament l-oqsma li fihom l-UE trid taħdem flimkien; b'mod intelliġenti, flessibbli u konġunt għall-benefiċċju u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna.

Emenda

Ħafna mill-isfidi li taffaċċa l-UE huma wkoll sfidi globali. L-iskala u l-kumplessità tal-problemi huma vasti, u jeħtieġ li jiġu indirizzati bi flus, riżorsi u sforzi xierqa sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet. Dawn huma preċiżament l-oqsma li fihom l-UE trid taħdem flimkien; b'mod intelliġenti, flessibbli u konġunt għall-benefiċċju u l-benesseri taċ-ċittadini tagħna ***u tad-dinja.***

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Jista' jinkiseb impatt akbar permezz tal-allinjament tal-azzjonijiet ma' nazzjonijiet u reġjuni oħrajn tad-dinja fl-isfond ta' kooperazzjoni internazzjonali bla preċedent b'konformità mal-linji indikati mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Abbażi ta' benefiċċju reċiproku, is-sħab minn madwar

Emenda

Jista' jinkiseb impatt akbar permezz tal-allinjament tal-azzjonijiet ma' nazzjonijiet u reġjuni oħrajn tad-dinja, ***inklużi pajjiżi bi dħul baxx u medju,*** fl-isfond ta' kooperazzjoni internazzjonali bla preċedent b'konformità mal-linji indikati mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima. Abbażi ta' ***interest***

id-dinja se jiġu mistiedna sabiex jissieħbu mal-isforzi tal-UE bħala parti integrali mir-riċerka u l-innovazzjoni għas-sostenibbiltà.

komuni u benefiċċju reċiproku, is-sħab minn madwar id-dinja se jiġu mistiedna sabiex jissieħbu mal-isforzi tal-UE bħala parti integrali mir-riċerka u l-innovazzjoni għas-sostenibbiltà.

Ġustifikazzjoni

Fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, l-UE impenjat ruħha li tikkoopera dwar riċerka li tiffoka fuq l-SDGs ibbażati fuq "interess komuni u benefiċċju reċiproku" (paragrafu 120).

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni Anness I – pilastru 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma xprunaturi ewlenin **tat-tkabbir** sostenibbli u l-kompetittività ekonomika tal-industrija, u dawn se jikkontribwixxu għas-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi tal-lum, **għat-treġġiegħ** lura mill-aktar fis possibbli tat-tendenza negattiva u perikoluża li bħalissa torbot l-iżvilupp ekonomiku, l-użu tar-riżorsi naturali u l-kwistjonijiet soċjali, u t-tibdil tagħha f'opportunitajiet ġodda tan-negozju.

Emenda

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma xprunaturi ewlenin **tal-iżvilupp sostenibbli, inklużi t-tkabbir** sostenibbli u l-kompetittività ekonomika tal-industrija, u dawn se jikkontribwixxu għas-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-problemi tal-lum, **għat-treġġiegħ** lura mill-aktar fis possibbli tat-tendenza negattiva u perikoluża li bħalissa torbot l-iżvilupp ekonomiku, l-użu tar-riżorsi naturali u l-kwistjonijiet soċjali, u t-tibdil tagħha **wkoll** f'opportunitajiet ġodda tan-negozju.

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni Anness I – pilastru 2 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-raggruppamenti se jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji diġitali, ewlenin abilitanti u emerġenti bħala parti minn strateġija komuni sabiex jippromwovu t-tmexxija industrijali tal-UE. Fejn xieraq dan se jutilizza data u servizzi tal-UE

Emenda

Ir-raggruppamenti **għandhom jiffokaw fuq l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà, iggwidati mill-SDGs, u** se jiżviluppaw u japplikaw teknoloġiji diġitali, ewlenin abilitanti u emerġenti bħala parti minn strateġija komuni sabiex jippromwovu t-tmexxija

ffaċilitati mill-ispazju.

industrijali tal-UE *fi ħdan qafas ta' żvilupp sostenibbli*. Fejn xieraq dan se jutilizza data u servizzi tal-UE ffaċilitati mill-ispazju.

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba. ***Dan jissottolinja l-impenn tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU li jitolbu għal kopertura tas-saħħa universali għal persuni ta' kull età sal-2030, li ma teskludi lil ħadd u li ġġib fi tmiemhom l-imwiet preventibbli.***

Emenda

Il-Pilastru tal-UE tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa affordabbli, preventiva u kurattiva ta' kwalità tajba. ***L-SDG 3 jitlob li jiġu żgurati ħajjiet b'saħħithom u li jiġi promoss il-benessri għal kulħadd f'kull età. In-nuqqas ta' riċerka dwar it-tilqim possibbli u t-trattamenti għal ċertu mard li jolqot prinċipalment jew esklussivament lil persuni foqra jirrappreżenta falliment evidenti tas-suq. L-attivitajiet f'dan ir-raggruppament għandhom jindirizzaw dan il-falliment u anki b'modi oħra jappoġġaw it-twettiq tal-SDG 3 u l-miri assoċjati tiegħu.***

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-riċerka ***dwar is-saħħa u r-riċerka dwar l-innovazzjoni*** kellhom parti sinifikanti f'din il-kisba iżda wkoll fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli taffaċċa sfidi ġodda, li għadhom kemm ħarġu jew persistenti u li qed jheddu liċ-ċittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll il-

Emenda

Ir-riċerka ***u l-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa, inkluż l-iżvilupp tal-prodotti***, kellhom parti sinifikanti f'din il-kisba iżda wkoll fit-titjib tal-produttività u tal-kwalità fl-industrija tas-saħħa u l-kura. Madankollu, l-UE tkompli taffaċċa sfidi ġodda, li għadhom kemm ħarġu jew persistenti u li qed jheddu liċ-ċittadini tagħha u s-saħħa pubblika, is-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa tagħha u s-sistemi ta'

kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard mhux komunikabbli; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediċina antimikrobika u l-emerġenza ta' epidemiji infettivi; żieda fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soċjali, urban u naturali li qed jinbidel b'mod rapidu; il-kostijiet li qed jiżdiedu għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approċċi ta' mediċina personalizzata u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-pressjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti.

protezzjoni soċjali, kif ukoll il-kompetittività tal-industrija tas-saħħa u l-kura tagħha. L-isfidi l-kbar tas-saħħa fl-UE jinkludu: in-nuqqas ta' promozzjoni effettiva tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard; iż-żieda fil-mard mhux komunikabbli; it-tixrid ta' reżistenza għall-mediċina antimikrobika u l-emerġenza ta' epidemiji infettivi; żieda fit-tniġġis ambjentali; il-persistenza ta' inugwaljanzi fis-saħħa fost u fi ħdan il-pajjiżi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li huma żvantaġġati jew fi stadji vulnerabbli tal-ħajja; id-detezzjoni, il-fehim, il-kontroll, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji tas-saħħa f'ambjent soċjali, urban u naturali li qed jinbidel b'mod rapidu; **il-prezzijiet għoljin ta' ċerti għodod u teknoloġiji innovattivi tas-saħħa**, il-kostijiet li qed jiżdiedu għas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej u l-introduzzjoni progressiva ta' approċċi ta' mediċina personalizzata u d-diġitalizzazzjoni fis-saħħa u l-kura; u l-pressjoni li qed tiżdied fuq l-industrija Ewropea tal-kura u s-saħħa sabiex tibqa' kompetittiva fl-innovazzjoni tas-saħħa u billi tiżviluppa t-tali innovazzjoni fir-rigward ta' atturi globali ġodda u emerġenti. **Globalment, l-imwiet minn mard li jista' jiġi evitat għadhom għoljin b'mod inaċċettabbli, b'mod partikolari għat-tfal. L-aċċess għall-mediċini essenzjali jibqa' ma jintlaħaqx għal ħafna nies fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minħabba spejjeż għoljin wisq, jew minħabba li ma sarx biżżejjed investiment biex jiġi indirizzat il-mard li ġie traskurat. Ir-riċerka dwar is-saħħa taħt Orizzont Ewropa trid tkun xprunata mill-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika biex tiżdied ir-riċerka fil-mard li ġie traskurat, jiġi żgurat l-aċċess globali għall-mediċini essenzjali, jiġi rikonossut id-dritt għall-kura tas-saħħa bħala dritt tal-bniedem, u jiġu stimulat mekkaniżmi ġodda ta' finanzjament biex jitħeġġu sforzi kollaborattivi akbar biex jiġu indirizzati l-**

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn l-isfidi tas-saħħa huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura u jirrikjedu kollaborazzjonijiet multidixxiplinari, transsettorjali u transnazzjonali. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni se jibnu rabtiet mill-qrib bejn ir-riċerka ta' skoperta, klinika, epidemjoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, kif ukoll max-xjenzi regolatorji. Dawn se jisfruttaw il-ħiliet ikkombinati tal-akkademja u ***l-industrija*** u jrawmu l-kollaborazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-saħħa, il-pazjenti, dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini sabiex jiksbu ingranaġġ fuq il-finanzjament pubbliku u jiżguraw l-użu tar-riżultati fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawn se jrawmu kollaborazzjoni strateġika fil-livell tal-UE u internazzjonali sabiex jiġu raggruppati l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u veloċità, kif ukoll sabiex jiġu kondiviżi l-benefiċċji mistennija u r-riskji finanzjarji involuti.

Emenda

Dawn l-isfidi tas-saħħa huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura u jirrikjedu kollaborazzjonijiet multidixxiplinari, transsettorjali u transnazzjonali, ***inklużi ma' pajjiżi bi dħul baxx u medju***. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni se jibnu rabtiet mill-qrib bejn ir-riċerka ta' skoperta, klinika, epidemjoloġika, ambjentali u soċjoekonomika, kif ukoll max-xjenzi regolatorji. Dawn se jisfruttaw il-ħiliet ikkombinati tal-akkademja, ***tal-iżviluppaturi mingħajr skop ta' qligħ u tal-industrija***, u jrawmu l-kollaborazzjoni tagħhom mas-servizzi tas-saħħa, il-pazjenti, dawk li jfasslu l-politika, ***l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** u ċ-ċittadini sabiex jiksbu ingranaġġ fuq il-finanzjament pubbliku u jiżguraw l-użu tar-riżultati fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistemi tal-kura tas-saħħa. Dawn se jrawmu kollaborazzjoni strateġika fil-livell tal-UE u internazzjonali sabiex jiġu raggruppati l-għarfien espert, il-kapaċitajiet u r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' ekonomiji ta' skala, kamp ta' applikazzjoni u veloċità, kif ukoll sabiex jiġu kondiviżi l-benefiċċji mistennija u r-riskji finanzjarji involuti.

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.1 – paragrafu 4a (ġdid)

Il-mard relatat mal-faqar u l-mard li ġie traskurat huma ta' tħassib globali u l-lakuni fir-riċerka għandhom jiġu indirizzati permezz tal-ħolqien tal-innovazzjoni mmexxija mill-ħtiġijiet tal-pazjenti. Tali mard infettiv emerġenti u li qed jerġa' jitfaċċa fir-reġjun Ewropew u l-problema tar-reżistenza antimikrobiċi jenfasizzaw aktar il-ħtieġa għal approċċ komprensiv u kkoordinat internazzjonalment u żieda fl-appoġġ pubbliku għar-R&I.

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.1 – paragrafu 4a (ġdid)

Sabiex jipromwovi aċċess ekwu għat-trattament, il-prevenzjoni jew id-dijanjożi għal mard li huwa serjament debilitanti jew li jipperikola l-ħajja, u jiżgura li r-R&I ffinanzjati pubblikament iwasslu għal soluzzjonijiet xierqa, siguri, effikaċi, aċċessibbli u affordabbli, Orizzont Ewropa għandu jirrikjedi li l-benefiċjarji li se jffinanzjaw dawn il-proġetti jiddeskrivu kif biħsiebhom jiżguraw l-aċċess għar-riżultati tal-proġett, inklużi għodod tas-saħħa potenzjali futuri.

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.2.1 – paragrafu 1 – inċiż 2

– Saħħa materna, paterna, tat-trabi u

– Saħħa materna, paterna, tat-trabi u tat-tfal kif ukoll ir-rwol tal-ġenituri; *is-*

tat-tfal kif ukoll ir-rwol tal-ġenituri;

sopravivenza tat-tfal u dik materna;

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 2 – subpunt 1.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Teknoloġiji għall-valutazzjoni tal-perikli, l-esponimenti u l-impatt fuq is-saħħa tas-sustanzi kimiċi, sustanzi niġġiesa u fatturi ta' stress oħrajn, inkluż fatturi ta' stress ambjentali u relatati mal-klima, u l-effetti kkumbinati ta' diversi fatturi ta' stress;

Emenda

– Teknoloġiji **siguri, effikaċi u affordabbli, inklużi teknoloġiji bi prezz baxx** għall-valutazzjoni tal-perikli, l-esponimenti u l-impatt fuq is-saħħa tas-sustanzi kimiċi, sustanzi niġġiesa u fatturi ta' stress oħrajn, inkluż fatturi ta' stress ambjentali u relatati mal-klima, u l-effetti kkumbinati ta' diversi fatturi ta' stress;

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.2.3 – paragrafu 4 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

– Trattamenti jew kura, **inkluż** kemm trattamenti farmakoloġiċi kif ukoll mhux farmakoloġiċi;

Emenda

– Trattamenti jew kura **xierqa, sikuri, effikaċi u affordabbli, inklużi** kemm trattamenti farmakoloġiċi kif ukoll mhux farmakoloġiċi;

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.2.4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-protezzjoni tal-persuni minn theddid transfruntier għas-saħħa hija sfida kbira għas-saħħa pubblika, li titlob kooperazzjoni internazzjonali effettiva fil-livell tal-UE u globali. Dan se jinvolvi **l-prevenzjoni**, it-tnejn, id-detezzjoni

Emenda

Il-protezzjoni tal-persuni minn **mard li jittieħed**, theddid transfruntier għas-saħħa **u l-mard relatat mal-faqar u l-mard li ġie traskurat** hija sfida kbira għas-saħħa pubblika, li titlob kooperazzjoni internazzjonali effettiva fil-livell tal-UE u

bikrija, it-trattament u l-kura ta' mard infettiv, u l-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) *billi jsegwu "Approċċ Saħħa Waħda"*.

globali *kif ukoll koordinazzjoni bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni fir-R&I u l-iżvilupp internazzjonali*. Dan se jinvolvi *l-iżvilupp ta' għodod għall-prevenzjoni*, it-tnejja, id-detezzjoni bikrija, it-trattament u l-kura ta' mard infettiv, u l-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi. *Numru ta' mard infettiv huwa niegħes minn investiment tar-R&I mis-settur privat minħabba n-nuqqas ta' inċentivi tas-suq biex isir investiment fil-prevenzjoni, it-trattament, u d-dijanjożi ta' dan it-tip ta' mard li ta' spiss ikun relatat mal-faqar, li jitlob aktar investiment ambizzjuż tas-settur pubbliku. Il-provi kliniċi fl-aħħar fażi, partikolarment kumplessi u li jiswew ħafna, u l-appoġġ għat-tisħiħ etiku u regolatorju fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jeħtieġu sforzi kollettivi Ewropej.*

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– Vaċċini, dijanjożi, trattamenti u kura għall-mard infettiv, *inkluż* komorbidityiet u koinfezzjonijiet;

Emenda

– *L-iżvilupp għdid u l-ottimizzazzjoni ta' vaċċini, dijanjożi, trattamenti u kura xierqa, sikuri, effikaċi u affordabbli għall-mard infettiv, inklużi komorbidityiet u koinfezzjonijiet bi prijorità għall-mard relatat mal-faqar u l-mard li għe traskurat fejn is-swieq kummerċjali huma niegħsa, minbarra dawk milquta b'mod sinifikanti mir-reżistenza għall-antimikrobiċi;*

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Ostakoli għall-implimentazzjoni u l-użu ta' interventi mediċi fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistema tas-saħħa;

– Ostakoli għall-implimentazzjoni u l-użu ta' interventi mediċi fil-prattika klinika kif ukoll fis-sistema tas-saħħa, ***inkluż it-tisħiħ regolatorju fil-pajjiżi bi dħul baxx u medju;***

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

Aspetti ***transkonfinali*** tal-mard infettiv u sfidi speċifiċi f'pajjiżi bi dħul baxx sa medju (LMICs), bħall-mard tropikali.

Emenda

Aspetti ***transfruntiera tar-riċerka u żvilupp ta' mediċini fir-rigward*** tal-mard infettiv u sfidi speċifiċi f'pajjiżi bi dħul baxx sa medju (LMICs), ***partikolarment il-mard relatat mal-faqar, bħall-mard tropikali traskurat, l-AIDS, it-tuberkulożi u l-malarja. Il-mard relatat mal-faqar u l-mard li għe traskurat jeħtieġ li jiġi indirizzat b'approċċ komprensiv ibbażat fuq sħubija mal-Istati Membri, ir-reġjuni affettwati u l-istituzzjonijiet ta' riċerka u ta' esperti, li jibni fuq is-suċċess tat-tieni Programm ta' Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (EDCTP2) u li jinkludi l-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' trattament għal mard infettiv biex jiġġielew ir-reżistenza għall-antimikrobiċi.***

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni

Annex I – pilastru 2 – punt 1 – subpunt 1.2.5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

It-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa huma vitali għas-saħħa pubblika u kkontribwew ħafna għat-titjib importanti miksub fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-kura tal-persuni fl-UE. Hija għalhekk sfida strateġika ewlenija li jiġu mfasslin,

Emenda

It-teknoloġiji u l-għodod tas-saħħa huma vitali għas-saħħa pubblika u kkontribwew ħafna għat-titjib importanti miksub fil-kwalità tal-ħajja, is-saħħa u l-kura tal-persuni fl-UE. Hija għalhekk sfida strateġika ewlenija li jiġu mfasslin,

żviluppati, sottomessi u implimentati għodod u teknoloġiji xierqa, affidabbli, sikuri u **kosteffettivi** għas-saħħa u l-kura, b'kunsiderazzjoni kif dovut tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet u s-soċjetà li qed tixjieħ. Dawn jinkludu intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji diġitali oħrajn li joffru titjib sinifikanti fuq dawk eżistenti, kif ukoll jistimolaw industrija marbuta mas-saħħa kompetittiva u sostenibbli li toħloq impjiegi ta' valur għoli. L-industrija marbuta mas-saħħa tal-UE hija wieħed mis-setturi ekonomiċi kritiċi fl-UE, li hija responsabbli għal 3 % tal-PDG u 1.5 miljun impjegat.

żviluppati, sottomessi u implimentati għodod u teknoloġiji xierqa, affidabbli, sikuri, **affordabbli** u **effikaċi** għas-saħħa u l-kura, b'kunsiderazzjoni kif dovut tal-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabbiltajiet u s-soċjetà li qed tixjieħ. Dawn jinkludu intelliġenza artifiċjali u teknoloġiji diġitali oħrajn li joffru titjib sinifikanti fuq dawk eżistenti, kif ukoll jistimolaw industrija marbuta mas-saħħa kompetittiva u sostenibbli li toħloq impjiegi ta' valur għoli. L-industrija marbuta mas-saħħa tal-UE hija wieħed mis-setturi ekonomiċi kritiċi fl-UE, li hija responsabbli għal 3 % tal-PDG u 1.5 miljun impjegat.

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 1 – punt 1.2 – punt 1.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***It-tneħħija tar-rabta bejn l-ispejjeż tar-riċerka u l-prezz tal-mediċini sabiex jiżdied l-aċċess u jiġi żgurat l-SDG 3 – Saħħa Tajba u Bennesseri għall-Persuni***

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.2 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– L-influwenza tat-tradizzjonijiet, it-tendenzi tal-imġiba, il-perċezzjonijiet u t-twemmin dwar il-valuri u s-sens ta' appartenenza.

– L-influwenza tat-tradizzjonijiet, it-tendenzi tal-imġiba, il-perċezzjonijiet u t-twemmin dwar il-valuri u s-sens ta' appartenenza ***f'soċjetà Ewropea kkaratterizzata mill-pluraliżmu, it-tolleranza u s-solidarjetà.***

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 2 – subpunt 2.2.3 – paragrafu 1 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– Sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji flimkien ma' politiki ta' sigurtà soċjali u investiment soċjali bil-ħsieb li l-inugwaljanzi jiġu mreggħhin lura u ***l-impatti*** negattivi tat-teknoloġija, ***id-demografika*** u ***d-diversità jiġu indirizzati***;

Emenda

– Sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji flimkien ma' politiki ta' sigurtà soċjali u investiment soċjali bil-ħsieb li l-inugwaljanzi jiġu mreggħhin lura, ***tiġi appoġġata l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, f'konformità mat-Taqsima II A tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa*** u ***mal-politika tal-UE, u l-indirizzar tal-impatti*** negattivi tat-teknoloġija, ***id-demografiki, l-evitar u l-evazzjoni tat-taxxa, il-flussi finanzjarji illeċiti*** u ***n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-operazzjonijiet finanzjarji***;

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 2 – punt 2.2 – punt 2.2.4 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Il-kapaċitajiet tas-soċjetà sabiex tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda

Emenda

– Il-kapaċitajiet tas-soċjetà sabiex ***iżżid ir-reżiljenza*** u tiġġestixxi aħjar u tnaqqas ir-riskju ta' diżastru, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fin-natura, permezz tat-titjib tal-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 3 – subpunt 3.1 – paragrafu 3a (ġdid)

Id-diġitalizzazzjoni qed tagħmel progress ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u qed tiftaħ opportunitajiet soċjali u ekonomiċi ġodda. Fl-istess ħin, id-distakk diġitali bejn il-pajjiżi u fi ħdanhom jostakola l-kondiviżjoni tal-benefiċċji u jaggrava l-inugwaljanza. L-inizjattiva tal-Unjoni "D4D" għandha l-għan li tgħin biex jiġu massimizzati l-effetti pożittivi tad-diġitalizzazzjoni fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u biex jiġu indirizzati l-problemi. L-attivitajiet f'dan il-raggruppament għandhom jappoġġaw din l-inizjattiva.

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 4 – subpunt 4.1 – paragrafu 2

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE trid tagħmel tranżizzjoni għal ekonomiji u soċjetajiet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti. Dan se jkun ibbażat fuq bidliet profondi fit-teknoloġija u s-servizzi, fil-modi ta' mgħiba tan-negozji u l-konsumaturi, u se jinvolvi wkoll forom ġodda ta' governanza. Il-limitu fiż-żieda tat-temperatura medja globali għal sew inqas minn 2°C, u l-eżerċitar tal-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5°C, jirrikjedu progress rapidu fid-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mis-settur tat-trasport⁶. Se jkun irid ukoll impetus għdid biex jaċċellera l-pass tal-iżvilupp ta' avvanzati deċiżivi tal-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll id-demostrazzjoni u l-varar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi, billi juża wkoll l-opportunitajiet ipprovduiti mit-

Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE trid tagħmel tranżizzjoni għal ekonomiji u soċjetajiet b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u reżiljenti. Dan se jkun ibbażat fuq bidliet profondi fit-teknoloġija u s-servizzi, fil-modi ta' mgħiba tan-negozji u l-konsumaturi, u se jinvolvi wkoll forom ġodda ta' governanza. ***Il-Ftehim ta' Pariġi jikkostitwixxi qafas għall-mitigazzjoni kif ukoll azzjoni ta' adattament. L-Artikolu 7 tiegħu jistabbilixxi għan globali dwar l-adattament. B'mod partikolari permezz tal-punt 7.7 ta' dan l-Artikolu, l-Unjoni impenjat ruħha li tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li f'it li xejn huma responsabbli għat-tibdil fil-klima, iżda huma l-vittmi ewlenin tiegħu u għandhom nuqqas ta' riżorsi biex jadattaw għalih. Il-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jinkludu previżjonijiet u konsulenza mmirati bbażati fuq ir-riċerka (is-servizzi***

teknoloġiji diġitali u spazjali. Dan se jsir permezz ta' approċċ integrat li jinkludi d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-aċċess għall-materja prima u l-ekonomija ċirkolari.

għall-klima) tal-ogħla kwalità possibbli biex jittieħdu deċiżjonijiet tajbin u jkun hemm tħejjija tajba. Huma jinkludu wkoll assistenza fl-iżvilupp ta' metodi ġodda ta' adattament effikaċi. L-objettiv li jingħata kontribut solidu tal-Unjoni biex tkopri dawn il-ħtiġijiet huwa importanti għall-attivitajiet f'dan ir-raggruppament u huwa kruċjali biex l-Unjoni tonora l-impenji tagħha fl-Artikoli 7(7) u 10(5) tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-limitu fiż-żieda tat-temperatura medja globali għal sew inqas minn 2°C, u l-eżerċitar tal-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1.5°C, jirrikjedu progress rapidu fid-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija u tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mis-settur tat-trasport⁶. Se jkun irid ukoll impetus ġdid biex jaċċellera l-pass tal-iżvilupp ta' avvanzi deċiżivi tal-ġenerazzjoni li jmiss kif ukoll id-demostrazzjoni u l-varar ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi, billi juża wkoll l-opportunitajiet ipprovduti mit-teknoloġiji diġitali u spazjali. Dan se jsir permezz ta' approċċ integrat li jinkludi d-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, l-aċċess għall-materja prima u l-ekonomija ċirkolari.

Emenda 51

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti fuq is-saħħa tas-sistemi u r-riżorsi naturali. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali

Emenda

L-attivitajiet tal-bniedem qed jagħmlu pressjonijiet dejjem akbar fuq il-ħamrija, l-ibħra u l-oċeani, l-ilma, l-arja, il-bijodiversità u riżorsi naturali oħrajn. In-nutrient tal-popolazzjoni li dejjem qed tikber tal-pjaneta huwa direttament dipendenti fuq is-saħħa tas-sistemi u r-riżorsi naturali. Madankollu, ikkombinata mat-tibdil fil-klima, id-domanda dejjem ikbar tal-bniedem għar-riżorsi naturali

toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi **għall-benesseri** tal-bniedem. Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, il-bioekonomija u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinħoloq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqbd u l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà.

toħloq pressjonijiet ambjentali li jmorru lil hinn sew minn livelli sostenibbli, li jaffettwaw l-ekosistemi u **jxekklu** l-kapaċità tagħhom li jipprovdu servizzi **għaż-żamma fit-tul tal-benesseri** tal-bniedem. **Kwalunkwe sistema ta' produzzjoni li tiddegrada n-natura la tkun sostenibbli u lanqas produttiva fuq perjodu ta' żmien fit-tul u għalhekk ma tkunx kompetittiva. Ekosistema prosperuża u li tiffunzjona hija l-bażi nnifisha ta' kull użu tar-riżorsi. Ir-rikonoxximent tar-rabta bejn id-degradazzjoni tal-bażi tar-riżorsi naturali, inkluża l-biodiversità, u l-funzjonament tal-ekosistemi naturali u seminaturali biex jipprovdu servizzi essenzjali għas-soċjetà, u t-teħid ta' azzjoni dwar is-soluzzjonijiet proposti b'riżultat ta' dik ix-xjenza huwa kruċjali.** Il-kunċetti tal-ekonomija ċirkolari, **l-agroekoloġija**, il-bioekonomija **sostenibbli** u l-ekonomija blu jipprovdu opportunità sabiex jinħoloq bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi u sabiex l-attivitajiet tal-bniedem jaqbd u l-mogħdija li twassal għas-sostenibbiltà **filwaqt li jiġi żgurati li n-nutrizzjoni u s-saħħa jkunni aspetti ċentrali ta' kif is-sistemi tagħna tal-produzzjoni tal-ikel huma implimentati.**

Emenda 52

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-attivitajiet se jibnu bażi tal-għarfien u **jwasslu** soluzzjonijiet **sabiex: iġestixxu u jużaw b'mod sostenibbli r-riżorsi** naturali mill-art u l-baħar - u **jiġi mtejjeb ir-rwol ta' sistemi** terrestri u akkwatiċi bħala bjar tal-karbonju; tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, u jiġu provduti **dieti** sikuri, sani u nutrittivi; tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal

Emenda

Se jiġu segwiti approċċi multilaterali u transdixxiplinarji filwaqt li jintuża l-għarfien espert u l-esperjenza tal-atturi tul il-ktajjen tal-valur, biex tinbena bażi tal-għarfien u **jingħataw** soluzzjonijiet: **għal protezzjoni, ġestjoni sostenibbli u użu tar-riżorsi** naturali mill-art u l-baħar u **titjib tar-rwol tas-sistemi** terrestri u akkwatiċi bħala bjar tal-karbonju **b'ċiklaġġ tan-nutrijenti f'ċirku magħluq u sistemi**

ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti, ta' emissjonijiet **baxxi, u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju**, u **li tappoġġa** l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

idroloġiċi li jiffunzjonaw; biex tiġi żgurata s-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, **li tkun suffiċjenti għall-ħtiġijiet tal-Unjoni u li tevita l-ħela u l-produzzjoni żejda**, u jiġu provduti **ikel u għalf** sikuri u **dieti** sani u nutrittivi; **biex tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni tas-sistemi alimentari u tal-biedja lejn approċċi agroekoloġiċi li minnhom jibbenefikaw kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika; jiġu appoġġati d-diversifikazzjoni tad-dħul fiż-żoni rurali; biex** tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni minn ekonomija lineari bbażata fuq il-fjuwils fossili għal ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, reżiljenti u **żero** emissjonijiet **netti ta' gassijiet b'effett serra**, u **jiġi appoġġat** l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq prodotti bijoloġiċi u l-ekonomija blu; u jiġu żviluppati żoni rurali, kostali u urbani reżiljenti u vibranti.

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn se jgħinu fiż-żamma u t-titjib tal-provvista tal-bijodiversità u jiżguraw il-provvista fit-tul tas-servizzi tal-ekosistemi, l-adattament għall-klima u **s-sekwestru** tal-karbonju (kemm **mill-art** kif ukoll **mill-baħar**). Dawn se jgħinu jnaqqsu l-gassijiet serra (GHG) u emissjonijiet oħrajn, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-ipproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. Dawn se jiskattaw investimenti, li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu, filwaqt li jiproteġu s-saħħa u l-integrità ambjentali.

Emenda

Dawn se jgħinu fiż-żamma u t-titjib tal-provvista tal-bijodiversità, **kemm selvaġġa kif ukoll ikkultivata**, u jiżguraw il-provvista fit-tul tas-servizzi tal-ekosistemi, **il-mitigazzjoni u** l-adattament għall-klima u **l-ħżin** tal-karbonju (kemm **fuq l-art** kif ukoll **fil-baħar**). Dawn se jgħinu jnaqqsu l-gassijiet serra (GHG) u emissjonijiet oħrajn, l-iskart u t-tniġġis mill-produzzjoni primarja (kemm terrestri kif ukoll akkwatika), l-ipproċessar, il-konsum u attivitajiet oħrajn tal-bniedem. Dawn se jiskattaw investimenti, li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, **l-agroekoloġija**, il-bijoekonomija u l-ekonomija blu **sostenibbli**, filwaqt li jiproteġu s-saħħa u l-integrità ambjentali.

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.1 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn se jrawmu wkoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi diversi atturi u jiżviluppaw sistemi tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. L-innovazzjoni soċjali bl-involviment taċ-ċittadini **u l-fiduċja fl-innovazzjoni** se tkun kruċjali sabiex jitħeġġu tendenzi ġodda ta' governanza, produzzjoni u konsum.

Emenda

Dawn se jrawmu wkoll approċċi ta' parteċipazzjoni lejn ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż approċċ li jinvolvi diversi atturi, **fosthom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**, u jiżviluppaw sistemi tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. **L-inklużjoni tal-atturi kollha fil-katina tal-provvista agroalimentari fil-koħolqien u l-kondiviżjoni tal-għarfien għandha rwol ċentrali fil-proċess tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' innovazzjonijiet agroekoloġiċi biex jiġu indirizzati sfidi fis-sistemi tal-ikel, inkluż l-adattament għat-tibdil fil-klima.** L-innovazzjoni soċjali bl-involviment taċ-ċittadini se tkun kruċjali sabiex jitħeġġu tendenzi ġodda ta' governanza, produzzjoni u konsum.

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 5 – subpunt 5.1 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Minħabba li dawn l-isfidi huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura tagħhom, l-attivitajiet se jsegwu approċċ sistemiku, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali, ma' sorsi ta' finanzjament oħrajn u ma' inizjattivi ta' politika oħrajn. Dan se jinvolvi l-isfruttament immexxi mill-utenti ta' sorsi ta' big data ambjentali, bħal dawk minn Copernicus, EGNOS/Galileo, INSPIRE, EOSC, GEOSS, CEOS, EMODnet.

Emenda

Minħabba li dawn l-isfidi huma kumplessi, interkonnessi u globali fin-natura tagħhom, l-attivitajiet se jsegwu approċċ sistemiku, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u s-sħab internazzjonali, **inklużi pajjiżi bi dħul baxx u medju**, ma' sorsi ta' finanzjament oħrajn u ma' inizjattivi ta' politika oħrajn. Dan se jinvolvi l-isfruttament immexxi mill-utenti ta' sorsi ta' big data ambjentali, bħal dawk minn Copernicus, EGNOS/Galileo, INSPIRE, EOSC, GEOSS, CEOS,

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– L-impatt klimatiku u ambjentali tal-attivitajiet fis-settur primarju; il-potenzjal tal-agrikoltura u l-forestrija bħala bjar tal-karbonju u għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inkluż l-approċċi lejn l-emissjonijiet negattivi;

Emenda

– L-impatt klimatiku u ambjentali tal-attivitajiet fis-settur primarju ***tul il-katina tal-valur***; il-potenzjal tal-agrikoltura u l-forestrija bħala bjar tal-karbonju u għall-mitigazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inkluż l-approċċi lejn l-emissjonijiet negattivi;

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Użu u twassil ta' servizzi ***tal-ekosistemi*** fis-sistemi tal-agrikoltura u l-forestrija li japplikaw approċċi ekoloġiċi u jittestjaw soluzzjonijiet ibbażati fin-natura mil-livelli tar-razzett sal-pajsaġġ għal agrikoltura favur l-ambjent;

Emenda

– Użu u twassil ta' servizzi ***ekosistemiċi*** fis-sistemi tal-agrikoltura u l-forestrija li japplikaw approċċi ekoloġiċi u jittestjaw soluzzjonijiet ibbażati fin-natura mil-livelli tar-razzett sal-pajsaġġ għal agrikoltura favur l-ambjent ***filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ekosistema, it-tniġġis agrikolu, u s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini; l-esplorazzjoni ta' approċċi b'bijodiversità għolja u indirizzati lejn speċijiet diversi biex tiġi żgurata r-reżiljenza u l-istabbiltà fis-sistemi ta' produzzjoni***;

Ġustifikazzjoni

L-approċċi sistemiċi bbażati fuq in-natura fl-agrikoltura jibnu fuq proġetti pilota/azzjonijiet preparatorji dwar Soluzzjonijiet Ibbażati fuq in-Natura għal żoni rurali.

Emenda 58

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.3 – paragrafu 2 – inċiż 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- *Tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel u tal-biedja u prattiki agronomiċi integrati u diversifikati, inkluż l-użu ta' approċċi agroekoloġiċi għall-benefiċċju kemm l-agrikoltura konvenzjonali kif ukoll dik organika.*

Emenda 59

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Dieti sostenibbli u sani għall-benesseri tal-persuni tul il-ħajja tagħhom;

– Dieti sostenibbli u sani għall-benesseri tal-persuni tul il-ħajja tagħhom *filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi tal-ipproċessar u l-produzzjoni tal-ikel ikunu ddisinjati mil-livell l-aktar baxx u 'l fuq abbażi tal-ħtiġijiet nutrizzjonali;*

Emenda 60

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.5 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *L-indirizzar tal-erba' sfidi ċentrali tas-sostenibbiltà, il-produzzjoni, in-nutrizzjoni u t-ktabbir ekonomiku f'livell globali permezz ta' Infrastruttura ta' Żvilupp Sostenibbli għal Ikel Agrikolu ddedikata. L-ekonomiji futuri għandhom jinbnew, mhux fuq ir-riżorsi fiżiċi tal-imgħoddi, iżda fuq il-flussi tad-data, l-għarfien u l-kollaborazzjoni. L-objettiv tal-Infrastruttura ta' Żvilupp Sostenibbli għall-Ikel Agrikolu għandu jkun li:*
- tippermetti lill-Unjoni u lill-pajjiżi l-

anqas żviluppati (LDCs) jiżviluppaw futur kondiviż ibbażat fuq l-iżvilupp sostenibbli,

- tiffaċilita l-kollaborazzjoni li ġġib flimkien l-għarfien, il-kapaċità u l-infrastruttura sabiex jiġu appoġġati l-azzjonijiet fuq iż-żewġ naħat,

- tissodisfa l-ħtiġijiet lokali u reġjonali, b'tali mod li tippermetti l-kondiviżjoni tal-għarfien bażiku tul netwerk ta' istituti li jipparteċipaw fl-Infrastruttura ta' Żvilupp Sostenibbli għall-Ikel Agrikolu fi ħdan l-Ewropa,

- tiżviluppa sinerġiji mal-Istrument tal-UE għall-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali (2021-27) skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa.

Emenda 61

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– *L-issorsjar tal-bijomassa u sistemi tal-produzzjoni sostenibbli*, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, sostenibbiltà soċjali u ambjentali, l-impatt fuq *il-miri ta' tnaqqis klimatiċi u tal-bijodiversità* effiċjenza fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

Emenda

– *Sistemi sostenibbli u ekwi ta' produzzjoni u ssorsjar tal-bijomassa*, li jiffukaw fuq applikazzjonijiet u użi ta' valur għoli, sostenibbiltà soċjali u ambjentali, l-impatt fuq *il-klima u t-telf tal-bijodiversità, inkluż f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw*, u effiċjenza fl-użu tar-riżorsi b'mod ġenerali;

Emenda 62

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 5 – punt 5.2 – punt 5.2.6 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Ix-xjenzi tal-ħajja u l-konverġenza tagħhom mat-teknoloġiji diġitali għall-prospettar, il-fehim u l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi;

Emenda

– Ix-xjenzi tal-ħajja u l-konverġenza tagħhom mat-teknoloġiji diġitali għall-prospettar, il-fehim u l-użu sostenibbli *u ġust* tar-riżorsi bijoloġiċi, *filwaqt li tiġi evitat l-bijopiraterija u b'rispett tal-*

Emenda 63

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti II – punt 6 – punt 6.2 – punt 6.2.2 – paragrafu 2 – punt 1 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

– Riċerka dwar kwistjonijiet tas-saħħa u theddid tas-saħħa ***emerġenti ġodda***.

Emenda

– Riċerka dwar kwistjonijiet ***ġodda*** tas-saħħa, ***epidemiji fuq skala kbira ta' mard infettiv*** u theddid tas-saħħa ***b'attenzjoni speċjali għat-theddida tar-reżistenza għall-antimikrobiċi***.

Emenda 64

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – pilastru 2 – punt 6 – subpunt 6.2.2 – subpunt 2 – inċiż 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

L-***appoġġ għall-politiki esterni fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' kunflitt, il-bini tal-paċi u l-medjazzjoni, inkluża twissija bikrija;***

Emenda

– ***Appoġġ għall-politiki esterni fl-oqsma tal-prevenzjoni ta' kunflitt, il-bini tal-paċi u l-medjazzjoni, inkluża twissija bikrija;***

Emenda 65

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-innovazzjoni miftuħa hija paradigma vitali sabiex l-UE tkun tista' tkompli twassal il-prosperità liċ-ċittadini tagħha u tindirizza l-isfidi tal-futur. L-implimentazzjoni tagħha tirrikjedi approċċ sistemiku, trażversali u b'diversi angoli. Il-progress ekonomiku, il-benesseri soċjali u l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa jiddependu fuq l-abbiltà tagħha li tagħti spinta lill-

Emenda

L-innovazzjoni miftuħa hija paradigma vitali sabiex l-UE tkun tista' tkompli twassal il-prosperità liċ-ċittadini tagħha u tindirizza l-isfidi tal-futur. L-implimentazzjoni tagħha tirrikjedi approċċ sistemiku, trażversali u b'diversi angoli. Il-progress ekonomiku, il-benesseri soċjali u l-kwalità tal-ħajja fl-Ewropa jiddependu fuq l-abbiltà tagħha li tagħti spinta lill-

produttività u t-tkabbir li, min-naħa tagħhom, jiddependu ħafna fuq l-abbiltà tagħha li tkun innovattiva. L-innovazzjoni hija wkoll ewlenija biex issib soluzzjoni għall-isfidi l-kbar li jinsabu l quddiem għall-UE.

produttività u t-tkabbir **sostenibbli** li, min-naħa tagħhom, jiddependu ħafna fuq l-abbiltà tagħha li tkun innovattiva. L-innovazzjoni hija wkoll ewlenija biex issib soluzzjoni għall-isfidi l-kbar li jinsabu l quddiem għall-UE.

Emenda 66

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – paragrafu 7 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Titjib it-trasformazzjoni tax-xjenza fl-innovazzjoni sabiex jaċċellera t-trasferiment tal-ideat, it-teknoloġiji u t-talent mill-bażi tar-riċerka **għal negozji** ġodda u l-industrija;

Emenda

– Titjib it-trasformazzjoni tax-xjenza fl-innovazzjoni sabiex jaċċellera t-trasferiment tal-ideat, it-teknoloġiji u t-talent mill-bażi tar-riċerka **għas-settur pubbliku, l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, in-negozji** ġodda u l-industrija;

Emenda 67

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – paragrafu 7 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– **It-tħaffif** tat-trasformazzjoni industrijali: L-industrija Ewropea waqgħet lura fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u fl-espansjoni: 77 % taż-żgħażaġh u kumpaniji kbar tar-R&I jinsabu fl-Istati Uniti jew fl-Asja u 16 % biss huma bbażati fl-Ewropa;

Emenda

– **L-iżgurar** tat-trasformazzjoni industrijali **sostenibbli**: L-industrija Ewropea waqgħet lura fl-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda u fl-espansjoni: 77 % taż-żgħażaġh u kumpaniji kbar tar-R&I jinsabu fl-Istati Uniti jew fl-Asja u 16 % biss huma bbażati fl-Ewropa;

Emenda 68

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti III – punt 2 – punt 2.2 – paragrafu 1– inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

– Tiddiskuti l-iżvilupp ta' regolamentazzjoni li tippermetti l-innovazzjoni, **permezz tal-applikazzjoni**

Emenda

– Tiddiskuti l-iżvilupp ta' regolamentazzjoni li tippermetti l-innovazzjoni, **b'rispett għall-prinċipju ta'**

kontinwa tal-Prinċipju tal-Innovazzjoni u l-iżvilupp ta' approċċi innovattivi lejn l-akkwist pubbliku, inkluż l-iżvilupp u t-titjib tal-istrument *tal-Akkwist* Pubbliku tal-Innovazzjoni (PPI) biex jixpruna l-innovazzjoni. L-Osservatorju tal-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku wkoll se jkompli jappoġġa l-isforzi interni ta' innovazzjoni tal-gvern, flimkien mal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki aġġornata;

prekawzjoni u l-iżvilupp ta' approċċi innovattivi lejn l-akkwist pubbliku, inkluż l-iżvilupp u t-titjib tal-istrument *tal-Akkwist* Pubbliku tal-Innovazzjoni (PPI) biex jixpruna l-innovazzjoni. L-Osservatorju tal-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku wkoll se jkompli jappoġġa l-isforzi interni ta' innovazzjoni tal-gvern, flimkien mal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki aġġornata;

Emenda 69

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – parti – Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Sadanittant, hemm diskrepanza li qed titwessa' fl-Ewropa bejn ir-reġjuni li huma minn tal-quddiem fl-innovazzjoni u dawk li għadhom lura f'dan ir-rigward. Il-bidla hija meħtieġa sabiex l-Ewropa kollha tkun tista' tikkapitalizza fuq l-eċċellenza minn madwar il-kontinent, timmassimizza l-valur tal-investimenti pubbliċi u privati, u l-impatti tagħhom fuq il-produttività, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-benesseri.

Barra minn hekk, xi wħud iqisu r-riċerka u l-innovazzjoni bħala distanti u elitisti mingħajr benefiċċju ċar għaċ-ċittadini, u dan iwassal għal attitudnijiet li jostakolaw il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta'

Emenda

Sadanittant, hemm diskrepanza li qed titwessa' fl-Ewropa bejn ir-reġjuni li huma minn tal-quddiem fl-innovazzjoni u dawk li għadhom lura f'dan ir-rigward. Il-bidla hija meħtieġa sabiex l-Ewropa kollha tkun tista' tikkapitalizza fuq l-eċċellenza minn madwar il-kontinent, timmassimizza l-valur tal-investimenti pubbliċi u privati, u l-impatti tagħhom fuq il-produttività, it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-benesseri. ***L-impenn tas-soċjetà huwa komponent ewlieni rikonoxxut b'mod wiesa' tar-Riċerka u l-Innovazzjoni Responsabbli u huwa essenzjali biex jiġi żgurat l-impatt tas-soċjetà. Iċ-ċittadini u l-atturi tas-soċjetà ċivili (bħall-NGOs, pereżempju dawk tal-ambjent u tas-saħħa) huma żewġ gruppi fil-mira differenti tal-viżjoni tar-Riċerka u l-Innovazzjoni Responsabbli għall-impenn tas-soċjetà fir-R&I.***

Barra minn hekk, xi wħud iqisu r-riċerka u l-innovazzjoni bħala distanti u elitisti mingħajr benefiċċju ċar għaċ-ċittadini, u dan iwassal għal attitudnijiet li jostakolaw il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta'

soluzzjonijiet innovattivi, kif ukoll xettiċiżmu dwar il-politiki pubbliċi bbażati fuq l-evidenza. Dan jirrikjedi **kemm** konnessjonijiet aħjar bejn ix-xjenzati, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika kif ukoll approċċi aktar robusti lejn l-ippuljar tal-evidenza xjentifika nnifisha.

soluzzjonijiet innovattivi, kif ukoll xettiċiżmu dwar il-politiki pubbliċi bbażati fuq l-evidenza. Dan jirrikjedi ***l-iżvilupp u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet għat-titjib ta' impenn tas-soċjetà siewi, b'mod partikolari li jindirizzaw l-ostakoli għall-impenn tas-soċjetà, flimkien ma'*** konnessjonijiet aħjar bejn ix-xjenzati, iċ-ċittadini u dawk li jfasslu l-politika kif ukoll approċċi aktar robusti lejn l-ippuljar tal-evidenza xjentifika nnifisha.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Title	Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont 2027 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
Referenzi	COM(2018)0436 – C8-0253/2018 – 2018/0225(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 14.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 14.6.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Lola Sánchez Caldentey 4.9.2018
Eżami fil-kumitat	8.10.2018
Data tal-adozzjoni	12.11.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 14 –: 2 0: 8
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Mireille D’Ornano, Doru-Claudian Frunzuličă, Enrique Guerrero Salom, Heidi Hautala, Maria Heubuch, György Hölvényi, Linda McAvan, Norbert Neuser, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Jean-Luc Schaffhauser, Elly Schlein, Eleni Theoharous, Mirja Vehkaperä, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Frank Engel, Stefan Gehrold, Paul Rübig
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Georgi Pirinski, Helmut Scholz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

14	+
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Mirja Vehkaperä
EFDD	Ignazio Corrao, Mireille D'Ornano
GUE/NGL	Lola Sánchez Caldentey, Helmut Scholz
S&D	Doru-Claudian Frunzulică, Enrique Guerrero Salom, Linda McAvan, Norbert Neuser, Georgi Pirinski, Elly Schlein
VERTS/ALE	Heidi Hautala, Maria Heubuch

2	-
ENF	Jean-Luc Schaffhauser
PPE	Stefan Gehrold

8	0
ECR	Eleni Theoharous
PPE	Frank Engel, György Hölvényi, Cristian Dan Preda, Paul Rübig, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni